# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D. (PC)

**Seduta ta' nhar It-Tlieta 26 ta' Gunju, 2001 .**

**Avviz numru : 42/99G2(PC)**

**Amalia u Maria ahwa xebbiet Azzopardi .**

**vs**

**Giuseppi u Reno ahwa Grech f'isimhom u bhala sidien tad-ditta 'Grech Central Stores' .**

**Il-Qorti ,**

**Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-*grandfather clock* mibjugh minnkom lill-atturi ma kienx tal-kwalita' pattwita, u kien ibati minn difett mohbi illi finalment irrendieh ma huwiex addattat ghall-uzu illi ghalih kien intenzjonat, u prevja ghalhekk ir-rexxissjoni tal-bejgh effettwat minnkom lill-atturi ta' l-imsemmi *grandfather clock* tirrifondu lill-atturi s-somma ta' seba' mija u sebghin Liri Maltin (Lm770) imhallas lilkom mill-istess atturi bhala prezz ta' dan il-*grandfather clock* .**

**Bl-interessi fuq din is-somma mis-sitta u ghoxrin ta' April 1999 sad-data tal-effettiv pagament .**

**Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' April, 1999 u tal-ittra ufficjali tas-26 ta' April 1999 kontra taghkom .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fis-sens :**

1. **Illi l-kawza in kwantu diretta kontra l-konvenuti Giuseppi u Reno ahwa Grech personalment, dawn ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li huma mhumiex il-**

**legittimi kontraditturi, billi kull ma huma impjegati tad-ditta konvenuta ;**

2. **Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi ;**

3. **Illi l-*grandfather* clock mibjugh lill-atturi kien tal-kwalita' pattwita, u kienu l-istess atturi li ghazlu u xtraw l-arlogg li gie ikkonsenjat lilhom ;**

4. **Illi l-*grandfather clock* mixtri mill-atturi ma kellu ebda difett mohbi kif qeghdin jallegaw l-atturi izda l-hsara li zviluppatlu, jekk huwa l-kaz, kien kagun tal-immaneggjar hazin tal-magna tal-arlogg da parti tal-istess atturi li per konsegwenza zviluppat il-hsara fl-arlogg ;**

5. **Illi fi kwalunkwe' kaz it-talba ghar-rexxissjoni tal-bejgh minhabba difett latanti preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kap. 16 ;**

6. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-digriet taghha ta' l-1 ta' Gunju 2000 fejn gie nominat Francis Schembri bhala espert tekniku sabiex jezamina l-arlogg in kwistjoni u jirrelata dwaru .**

**Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert tekniku debitament ikkonfermata bil-gurament tieghu fit-22 ta' Frar 2001 .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu r-rexxissjoni tal-bejgh ta' 'grandfather clock' maghmul mill-hanut tal-konvenuti ghax allegatament dan kellu difett mohbi u ma kienx jahdem sew .**

**Irrizulta illi wara li l-atturi kienu identifikaw 'grandfather clock' li ghogobhom fil-hanut gestit mill-konvenuti fir-Rabat, Ghawdex, sar il-bejgh u l-arlogg gie mwassal minnhom ghand l-atturi .  Wara xi zmien l-atturi bdew jilmentaw li l-arlogg kellu xi hsara peress illi ma kienx idoqq sewwa .  Il-konvenuti ezaminaw l-arlogg in kwistjoni u sabu li ma kellux difetti, imma biss li l-atturi kienu qabbzulu l-habel tal-mazzri ghax ma kienux qed jaghtuh il-habel**

**kif suppost . Gie spjegat lilhom x'ghandhom jaghmlu sew, u l-arlogg hadem regolarment ghal xi zmien, sakemm l-atturi regghu bdew jilmentaw mill-istess nuqqasijiet . Ghalxejn il-konvenuti assikurawhom li l-arlogg ma kellu ebda difetti, imma li kien qed jigrilu kien kollu dovut ghan-nuqqas ta' hila taghhom li jirregolaw sewwa l-habel ta' l-arlogg . Infatti l-atturi pprocedew bil-kawza prezenti ghar-rexissjoni tal-bejgh appuntu minhabba allegat difett mohbi fl-arlogg mibjugh .**

**Fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza, l-Qorti innominat lil Francis Schembri, wiehed mill-arloggara ewlenin f'din il-gzira b'esperjenza twila fis-sengha tieghu . Dan wara li kellu l-opportunita' jezamina sew l-arlogg in kwistjoni, irrelata proprju kif kienu qed isostnu l-konvenuti u cioe' illi :**

**"… ma fih l-ebda hsara jew difett mill-fabbrika, izda semplicement kellu l-'wirerope' tal-mazzri imrikkeb fuq xulxin bir-rizultat li dan ma setghax jahdem sew u dan seta' gara jew bit-trasport jew ma thaddimx kif suppost . Ghalhekk jiena irrangajtu sew fil-post dak il-hin stess u hallejtu jahdem sewwa."**

**Irrizulta li l-arlogg ma setghax qabizlu l-habel bit-trasport, billi mix-xhieda prodotti, anke minn dak li ammettiet l-attrici Amalia Azzopardi stess, nafu illi l-arlogg kien jahdem meta ittiehed mill-konvenuti d-dar taghha . Ghalhekk jibqa' biss it-tieni alternattiva ghaliex dan ma baqghax jahdem u cioe' li ma thaddimx kif suppost mill-istess atturi .**

**F'dawn ic-cirkostanzi u peress li ma rrizultax dak allegat mill-atturi, li l-arlogg lilhom mibjugh mill-konvenuti kellu xi difett mohbi fil-manufattura tieghu, il-Qorti ma tistghax tilqa' t-talbiet attrici .**

**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tilqa' l-eccezzonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici bl-spejjez kontra l-istess atturi .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

Si4299Pc